*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,554, 10 ta' Novembru 1978*
*Taqsima C*

# Nru. 85

10. 11. 78

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Vincent Moran, M.P., Ministru tas-Saħħa u ta' l-Ambjent u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-6 ta' Novembru, 1978.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb.**

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Vincent Moran, M.P., Minister of Health and Environment and read the First time at the Sitting of the 6th November, 1978.

**AN ACT further to amend the Food, Drugs and Drinking Water Act, 1972.**

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1978 li jemenda l-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb (Emenda Nru. 2) u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok it-tifsira ta' "uffiċjal awtorizzat" għandu jidħol dan li ġej:

" "uffiċjal awtorizzat" tfisser kull Uffiċjal Mediku tas-Saħħa jew uffiċjal mediku ieħor anness mad-Dipartiment tas-Saħħa li jkun ġie deputat mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, jew kull Spettur tas-Saħħa, u għall-finijiet biex jittieħdu kampjuni tal-ħalib u sabiex dan jiġi eżaminat, kif ukoll għall-ispezzjoni ta' rziezet tad-*dairy* kull uffiċjal pubbliku ieħor fis-servizz tal-Gvern awtorizzat kif imiss bil-miktub għal hekk mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jemenda l-Att ta' l-1972 dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel Mediċinali u Ilma tax-Xorb, sabiex tiġi mkabbra t-tifsira ta' "uffiċjal awtorizzat" għall-finijiet ta' l-imsemmi Att.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Food, Drugs and Drinking Water Act,* 1972.

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Food, Drugs and Drinking Water (Amendment) (No. 2) Act, 1978, and shall be read and construed as one with the Food, Drugs and Drinking Water Act, 1972, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title.

**2.** In section 2 of the principal Act, for the definition of "authorised officer" there shall be substituted the following: Amendment of section 2 of the principal Act.

" "authorised officer" means any Medical Officer of Health or other medical officer attached to the Department of Health and deputed by the Superintendent of Public Health, or any Health Inspector, and for the purposes of sampling and testing of milk, as well as inspections of dairy farms, any other public officer in Government service duly authorised in writing for the purpose by the Superintendent of Public Health.".

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Food, Drugs and Drinking Water Act, 1972, so as to enlarge the definition of "authorised officer" for the purposes of the said Act.

---

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — *Published by the Department of Information*
Stampat fl-U.C.S. — Stamperija tal-Gvern — *Printed at the C.O.S. — Government Printing Press*
Prezz 1c — *Price 1c*